**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2226**

KAZ 2873/MG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joanna Attard

u

Carre Aviation Ltd.

*dwar tkeccija mill-impieg  allegata li hi ngusta.*

**Chairperson: Mrs. Mary Gaerty**

**Nhar il-Hamis 16 ta' Mejju, 2013**

***INTRODUZJONI***

Dan il-Kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors prezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-28 ta' Jannar, 2011.

It-Tribunal zamm tmien (8)  seduti.

Joanna Attard, aktar 'il quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukati Anglu Farrugia u Paul Borg u Carre Aviation Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet irrapprezentata minn Claudia Grima assistita mill-Avukati Katia Mercieca u Geraldine Baldacchino.

***FATTI TAL-KAZ***

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant sostniet li dejjem qdiet id-doveri taghha bl-ahjar mod, anzi ghamlet aktar mill-obbligi taghha biex tghin lill-Kumpanija. Hi qalet li giet mkeccija b'mod ingust u talbet li tinghata rimedji skond il-ligi

Il-Kumpanija qalet li t-tkeccija ta' l-appellant kien attribwibbli ghan-nuqqas taghha li taderixxi mall-kuntrtatt ta' l-impieg billi ma kienetx disponibbli ghax-xoghol minhabba li

- kienet barra mill-*Home Base* specifikat fil-kuntratt u kienet barra minn Malta minghajr ma nfurmat il-Kumpanija ;
- ma kienetx qeghdha waqt perijodu ta' *vacation leave* approvat mill-Kumpanija ;
- kienet gia, ghax-xahar ta' Dicembru, 2010, utilizzat is-7 tijiem "*off duty*" illi kienet intitolata ghalihom.

Mill-kuntratt jirrizulta li :

a) il-*Home Base* kienet Malta f'bini Bahar ic-Caghaq ;
b) l-appellant setghet tissejjah ghax-xoghol anki meta tkun fuq vacation leave approvat jew "*off duty*" ;
c) kellha l-obbligu li tinforma lill-Kumpanija dwar assenza taghha ghal kull raguni apparti mard jew btala ;
d) kellha tkun dejjem kuntatabbli mill-Kumpanija bil-mezzi kollha li hemm illum.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li :

a) l-appellant marret l-Ingilterra fit-22 ta' Dicembru, 2010, biex tmur fejn nannitha li kienet l-isptar f'kura intensiva ghax kienet marida serjament ;
b) ma nfurmatx lill-Kumpanija li kienet ser issiefer ;
c) ma nfurmathiex ghaliex kienet marret "*off duty*" fis-16 ta' Dicembru, 2010, u kellha tirrapporta lura ghax-xoghol fid-29 ta' Dicembru, 2010 ;
d) kellha nformazzjoni li l-ajruplan kien se jkun '*grounded for mandatory maintenance*' ;
e) ikkonfermat ma' Petra Stock, il-flight attendant li kienet duty, li ghalkemm kienet tqila, kienet "*fit and able to fly*" jekk ikun hemm xi *flight*.

Fix-xhieda taghhom ufficjali tal-Kumpanija ammettew li Petra Stock kienet lesta li taghmel il-flight izda ma hallewiex ghaliex kienet "*five months pregnant*" u kkunsidraw li kien hemm "*health hazard*". Fil-fatt jirrizulta li kienet "*two months pregnant*" (xahrejn) u mhux hames xhur tqala. Ghalkemm issemma' "*risk assessment*" ma giex ipprezentat xi certifikat mediku dwar dan.

L-appellant siefret ghal ragunijiet umanitarja, u assigurat ruhha li fl-assenza taghha, il-l-Kumpanija kienet se tinqeda ghaliex Petra Stock kienet disponibbli, hi kellha nformazzjoni, anke jekk zbaljata, li l-ajruplan tal-Kumpanija kien se jkun "*grounded for mandatory maintenance*" u hadet hsieb li tirritorna Malta jumejn qabel ma kien jerga' jmissa duty.

Petra Stock kienet ippreparata li taghmel il-*flight*, u d-diskrepanza fix-xhur veru tat-tqala li attwalment kienet fihom, u n-nuqqas ta' xi evidenza medika dwar xi riskju, ma jidhrux li kienu il-veru ragunijiet ghaliex il-Kumpanija ma rieditx li Petra Stock taghmel it-titjira u nsistew li ssir mill-appellant.

L-appellant naqset li tinforma lill-Kumpanija li kienet se ssiefer u, kieku kien hemm raguni valida li Petra Stock ma kellhiex taghmel il-flight, fatt li ma giex provat, il-Kumpanija kienet tidhol fi spejjez zejda u li qieghda tikkontendi li ghamlet.

It-tkeccija mill-impieg hu l-aktar kastig estrem li jista' jinghata u m'ghandux jintuza hlief meta jkun hemm cirkostanzi ta' serjeta, tali li jiggustifikawh.

***KONKLUZJONI***

Meta jqies c-cirkostanzi kollha, it–Tribunal hu tal-fehma, li n-nuqqas ta' l-appellant li tinforma lill-Kumpanija li se tkun imsiefra, ma kienx jimmerita il-kastig estrem tat-tkeccija. Jidher li l-Kumpanija kellha l-hsieb li tkecci l-appellant u wzat in-nuqqas taghha li tinformaha dwar is-safar biex titterminalha l-impjieg. Tkecciet hesrem u minghajr ma nghatat opportunita xierqa li tiddefendi ruhha.

It-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi, ghaliex il-kastig li nghata kien eccessiv ghal nuqqas li ghalih kien hemm ragunijiet attenwanti u seta' nghata kastig anqas sever jekk il-Kumpanija riedet tezercita dixxiplina.

***DECIZJONI***

It-Tribunal ma jhossx li fic-cirkostanzi ghandu jordna li l-appellant tigi reintegrata mall-Kumpanija. Ikkonsidra li kien hemm nuqqas mill-appellant izda li ma kienx tant gravi li jimmerita tkeccija kif ukoll li ma nghatatx opportunita' xierqa biex tiddefendi ruhha. Ghalhekk jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' €10,000 (ghaxart elef ewro) lill-appellant fi zmien xahrejn mid-data ta' din id-decizjoni.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba dewmien mill-partijiet, limitazzjoni ta' facilitajiet u bidla fic-chairperson li kien qed jisma' dan il-kaz.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

(Iffirmat)
Mary Gaerty
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**